ŻURRIEQ

# Kunsill Lokali Żurrieq

## Rapport Annwali Amministrattiv għat-tielet sena tal-leġislatura tas-sitt Kunsill Lokali

## Jannar, 2010 - Diċembru, 2010

*Tema: Inkattaru l-Impenn tagħna għal Żurrieq Aħjar*

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 6 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 9 |
| Ir-Rapport tal-Awdituri Lokali u l-Istqarrijiet Finanzjarji | 15 |

Sena oħra ta' suċċess. Hekk nirrimarka fuq is-sena li qed jitratta r-Rapport Amministrattiv għaliex il-Kunsill kompla jwettaq ġid għar-residenti kollha tiegħu. Din is-sena tal-Kunsill kienet waħda nteressanti fejn ħejjejna bil-quddiem diversi proġetti li rridu nwettqu sa tmiem il-leġislatura, fejn irridu wkoll naraw li l-wegħdi li saru minn diversi Ministeri tal-Gvern Ċentrali jitwettqu.

Wettaqna xogħlijiet f'kull responsabilita li tagħtini l-liġi u wettaqna ħidma soċjali bla waqfien sabiex kull familja fiż-Żurrieq tħossha tgħix fl-lokalita li qed tiżviluppa mal-pass tal-progress.

Il-wegħda tagħna għal Żurrieq aħjar inkomplu naħdmu fuqha għaliex dak hu id-dmir tagħna kif ukoll għaliex dejjem hemm il-ħtieġa ta' iktar żvilupp fl-infrastruttura u dejjem aktar aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tagħna li jridu jintlaħqu.

Irrid intemm din l-introduzzjoni billi nirringrazzja lill-Kunsilliera kollha, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tiegħu għal ħidma bla waqfien sabiex dan ix-xogħol kollu seta jsir.

Silvio Izzi Savona
Sindku
Diċembru 2010

## *2.1 Il-Kunsill*

Il-Kunsill kien kompost minn disgħa Kunsillieri, b'Sindku u Viċi-Sindku. Kull wieħed għandu r-responsabilita ta' kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta'l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu erbgħa uffiċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta' esperti bħal periti, konsulenti u contract managers fost l-oħrajn. Is-sotto kumitat ta' l-Anzjani u Żvilupp Soċjali jipproponi u jassisti lil Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex jorganizza attivitajiet lill-anzjani u żjarat lil anzjani fid-djar tal-anzjani. Fl-ewwel ta' Lulju beda jiffunzjona Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn 5 membri – c-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-Membri Annetto Bugeja, Joseph Caruana u Joseph D'Amato.

Il-Kunsillieri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Sindku Silvio Izzi Savona : Servizzi ta' Assistenzi u Benefiċċji Soċjali

Vici Sindku Charmaine Cristiano Grech: Edukazzjoni, IT u Żgħażagħ

Kunsillier Mario Ellul: nil

Kunsillier Joseph D'Amato: Proġetti Kapitali u Toroq, Ġonna PubbliċI u mill-Hamlet ta' Bubaqra

Kunsillier Dino Bonnici: Indafa Pubblika u Ambjent (din is-sena irtira minn dan l-impenn u talab għal kariga b'funzjoni oħra)

Kunsillier Claudio Zammit: Proġetti ta' l-UE, ĠemellaġġI u nfurzar tal-Liġi

Kunsillier Raymond Grixti: Anzjani u MEPA

Kunsillier Mauro Pace Parascandalo: Kultura

Kunsillier Kenneth Farrugia : Sports, Sistema tat-Traffiku u devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq

**Is-Segretarju Josianne Cilia Mumford:** Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju
**Is-Sinjura Francesca Camilleri**: Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani
**Is-Sinjura Charmaine Atanasio**: Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi
**Is-Sinjura Maria Briffa Callus**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti
**Is-Sinjura Mary Aquilina**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar, 2010 u l-31 ta' Diċembru 2010 inżammu għoxrin laqgħa tal-Kunsill li l-attendenza għalihom kienet:

| | Preżenti | Skuzati | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Is-Sindku Silvio Izzi Savona** | **17** | **3** | **0** |
| **Il-Vici Sindku Charmaine Cristiano Grech** | **10** | **10** | **0** |
| **Il-Kunsillier Mario Ellul** | **13** | **7** | **0** |
| **Il-Kunsillier Joseph D'Amato** | **16** | **4** | **0** |
| **Il-Kunsillier Dino Bonnici** | **15** | **5** | **0** |
| **Il-Kunsillier Claudio Zammit** | **15** | **5** | **0** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-Kunsillier Raymond Grixti** | **17** | **2** | **1** |
| **Il-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo** | **8** | **9** | **3** |
| **Il-Kunsillier Kenneth Farrugia** | **16** | **4** | **0** |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2010 kienet waħda kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

85 % mingħand il-Gvern Ċentrali
13% mis-sistema tal-infurzar tal-lġi
2% mill-Investimenti u dħul ieħor

Filwaqt li n-nefqa matul l-istess perjodu kienet maqsuma hekk:

15% fl-Honoraria tas-Sindku u s-Salarji tal-Impjegati
79% f'xogħlijiet ta' manutenzjoni u amministrazzjoni
6% fi proġetti kapitali

L-akbar nefqa ta' manutenzjoni u amministrazzjoni kienet dovuta l-aktar fuq kuntratti ta' tindif u mantenzjoni ta' toroq.
Is-sena finanzjarja ntemmet b'bilanċ favorevoli fuq il-karta ta' € 130,876

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Din is-sena finanzjarja kienet waħda li matulha tkomplew jitħejju diversi inizjattivi u laqgħat speċjalment fuq proġetti ta' resurfacing ta' toroq, u xogħlijiet fuq ġonna pubbliċi u l-librerija l-ġdida.

Barra minnhekk, il-Kunsill kien impenjat sabiex proġett mwiegħed mill-Gvern Ċentrali jitwettaq, dak li tinbeda u titlesta Triq il-Belt Valletta.

Il-Kunsill kien impenjat soċjalment f'dawn il-punti :

- Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq, bankini, lampi u sinjali tat-traffiku.
- Tingħata informazzjoni u għajnuna fuq kull xorta ta' għajnuniet u servizzi soċjali.
- Tlesta x-xogħol tal-librerija li kien inbeda fis-sena 2010 u ġiet inawgurata flimkien ma' sistema ta' enerġija solari permezz ta' pannelli fotovoltajiċi.
- Tlestiet il-manutenzjoni ta' Dar Mattia Preti, twaħħlu l-purtieri u b'hekk  il-post sar aktar akkoljenti għall-korsijiet li jsiru.
- Tkomplew jiġu nstallati lampi ornamentali f'toroq partikolari
- Issebbħet u tnaddfet l-akwata li dejjem kienet tinżamm maħmuġa fi Triq Fra Ġanmari Zammit.

- Ġie ordnat ħadid bħala lqugħ fi Triq il-Wardija biex il-vetturi ma jidħlux ġol-gandott.

- Bdew jinbidlu fanali minn Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq għax dan qed ikun spiss bla dawl minħabba l-ħsara li teżisti. Fis-sena li ġejja hemm il-ħsieb li jitkompla dan il-proġett.

- Fil-ġnien ta' Wesgħa Franġisk Bugeja ġie msebbaħ u atrezzat b'apparat tal-logħob ġdid , bankijet , reċipjenti tal-iskart ġodda u materjal tal-lastiku madwar il-logħob kollu biex ikun aktar safe u saret bandla għal dawk bi bżonnijiet speċjali u żidna l-ħamrija u l-pjanti.

- Sar bdil ta' dawl isfar għall-dawl abjad fi Triq Pietru Pawl Saydon

- Inbeda xogħol ta' għeluq tal-wiċċ tas-central strip b'konkos aħdar fi Vjal il-Blue Grotto u fis-sena li ġejja titkompla l-parti li fadal

- Saru diversi laqgħat mat-TM, fejn il-Kunsill reġa ressaq t-talbiet tal-Kunsill Lokali Żurrieq biex isiru dawk it-toroq ta' mingħajr wiċċ li kienu mwiegħda li jsiru. L-ewwel batch ta' toroq huma Triq in-Nigret , Triq il-Qiegħa, Triq it-Tin, Triq Dun Nard Mallia u Triq San Bastjan.

- Il-Kunsill qed jaħdem biex jagħmel żewġ proġetti ta' tisbieħ wieħed fi Triq il-Qiegħa u l-ieħor fi Triq in-Nigret.

- l-Kunsill applika għall-proġetti 313 u 323 – fondi mill-Unjoni Ewropea fuq żewġ proġetti sabiex isir titjib ambjentali fiż-żoni rurali ta' Ħal-Millieri u fl-istess ħin wieħed jiġbed aktar turiżmu lejn dawn il-postijiet. Il-Valur ta' dawn iż-żewġ proġetti ilaħħaq qrib l-€400,000

- Fl-iskema tal-PPP sar ftehim bejn il-Kunsill, il-gvern u l-privat biex fi żmien sena jsiru ċerti toroq li diġa fihom wiċċ pero li jkunu fi stat ħażin. Il-Kunsill għamel talba għal tlettax il-triq. Il-Gvern tana tlieta għal din is-sena li huma : Vjal l-Indipendenza, Triq Gużeppi Mattew Callus u Triq Filippu Farrugia

- Wara diversi laqgħat li l-Kunsill Lokali kellu mat-Trasport Malta sar ftiehem li nżamm li waqt li jsir xogħol mit-TM fi Triq il-Belt Valletta. Triq il-Qrendi u parti minn Vjal ix-Xarolla jinksew bit-tramak.

- Inxtraw 4 bins għas-sigaretti biex jitpoġġew fi Triq Mons. PP Saydon u Misraħ Repubblika.

- Ġie nstallat lift fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali sabiex is-sular ta' fuq ikun aċċessibbli għall-anzjani/persuni b'diżabilta'.

- Ġew organizzati 6 ħarġiet kulturali għall-anzjani Żrieraq u saru wkoll żjarat lill-anzjani fiċ-ċentri ta' matul il-jum/lejl għall-anzjani.

- Ingħatat l-injection tal-influenza lill-anzjani 'l fuq minn 55 sena u tqassmu rigali żgħar lill-anzjani 'l fuq minn 80 sena fi żmien il-Milied

- Saru attivitajiet sportivi fosthom it-13th Half Marathon u l-logħob tal-boċċi fil-pitch ta' Ġnien il-Ġibjun

- Sabiex inkabbru l-ġemellaġġi li ż-Żurrieq għandu ma' Borgo Maggiore fil-bidu ta' Mejju ta' din is-sena żaru Malta, s-Sindku ta' din il-belt, Sergio Nanni, flimkien ma' żewġ kunsilliera Matteo Venerucci u Italo Volpinari.

Iddiskutejna l-possibilta' li s-sena d-dieħla grupp ta' ċittadini Żrieraq imorru mawra sa Borgo Maggiore, u nies minn Borgo Maggiore jiġu Malta. Min hu nteressat fil-mawra għal San Marino jista jikkuntattjana l-Kunsill. Din il-mawra ħa tkun bi prezzijiet orħos mis-soltu, peress li xi servizzi ser ikunu offruti mill-belt ta' Borgo Maggiore.

- Ġew ordnati u mqasssma presine f'kull residenza fiż-Żurrieq li fuqha kien hemm simbolu tat-tieni l-akbar belt fil-pajjiż ta' San Marino li hu ġemellat maż-Żurrieq.
- Qed nahdmu biex nippreparaw applikazzjoni taht il-fondi ta' l-ERDF ta' l-UE sabiex il-mithna tax-Xarolla ssir muzew ta' l-imtiehen ghat-turisti u biex tigi msebbha, inkluz b'facilitajiet ta' mistrieh u rikreazzjoni ghat-turisti barra l-mithna, fil-madwar.
- Rapprezentanti tal-Kunsill attendew ghar-rally annwali li jsir f'Morphou, Cipru, belt li ahna gemellati maghha, liema rally jsir kontra l-okkupazzjoni Torka f'Cipru.
- Sar kuncert tal-Milied biex nippromwovu talent Zurrieq, kemm tat-tfal kif ukoll kantanti.
- Il-Kunsill applika ghal progetti ta' l-UE taht l-European Social Fund biex inharrgu lil dawk interessati fil-Piroteknika.
- Il-Kunsill kompla jhaddem il-programm 'Leonardo' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill t'Angermunde fil-Germanja biex jospita studenti Germanizi ghal perjodu qasir f'Malta
- Il-Kunsill qed jahdem, f'kollaborazzjoni mal-MEUSAC, biex japplika ghal progett taht l-Active Citizenship Programme ta' l-UE biex lejn Settembru 2011 ghadd ta' nies minn Angermunde jzuru z-Zurrieq.
- Saret wirja fil-mithna tax-Xarolla kollha b'ritratti li juru z-Zurrieq illum u fil-passat.
- Intgħażlu żewġ żgħażgħ Żrieraq biex jattendu għal seminar f'Zakopane fil-Polonja fl-aħħar jien ta' Lulju ta' din is-sena bħala parti mill-programm 'Youth in Action' ta' din is-sena.
- Tkomplew isiru korsijiet tal-ECDL mit-TCTC u tagħlim tal-lingwa Ingliża f'Dar Mattia Preti
- Sar xogħol fil-website tal-Kunsill Lokali biex b'hekk tali site ġiet aktar attraenti u faċli biex tintuża.
- Inbidel is-servizz ta' Accounting li kellu  l-Kunsill Lokali fis-sena li għaddiet biex ikollu servizz aħjar.
- Issemmew żewġ toroq fiż-Żurrieq għall-ex surmastrijiet tal-Banda tas-Soċjeta Mużikali Santa Katarina u ta' l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria
- Il-Kunsill Lokali Żurrieq iffirma ftehim fuq kuntratt tal-ġbir ta' skart separat mal-Green MT u żdiedu bi 3 siti ġodda ta' Bring In Sites – Triq il-Barrieri, Triq Mons. P P Pullicino u ohra f'side road fi Triq il-Wied.
- Inxtara grass cutter ieħor sabiex jitħaffef il-qtugħ ta' ħaxix mill-ħaddiema tal-IPSL

## 3.3 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hi magħmula hekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill jaħdem bi prattiċita l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din għandha ssir bl-aħjar mod bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jeżegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirata minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq u biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli.L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

## 3.4 Kumitat Amministrattiv Bubaqra

Fl-ewwel ta' Lulju beda jiffunzjona Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn 5 membri – Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Sciberras, u l-Membri Annetto Bugeja, Joseph Caruana u Joseph D'Amato.

Il-Membri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia : Proġetti Kapitali

Il-Viċi Chairpeson Maria Schembri: Attivitajiet

Il-Membru Annetto Bugeja : Attivitajiet

Il-Membru Joseph Caruana : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

Il-Membru Joseph D'Amato : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill**

Bejn l-1 ta' Lulju, 2010 u l-31 ta' Diċembru 2010 inżammu sitt laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li l-attendenza għalihom kienet:

| | Preżenti | Skuzati | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Ic-Chairperson Pierre Farrugia** | **6** | **0** | **0** |
| **Il-Vici Chairperson Maria Schembri** | **6** | **0** | **0** |
| **Il-Membru Annetto Bugeja** | **6** | **0** | **0** |
| **Il-Membru Joseph Caruana** | **6** | **0** | **0** |
| **Il-Membru Joseph D'Amato** | **6** | **0** | **0** |

**Ħidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

Għalkemm dan il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ilu biss jiffunzjoni minn Lulju saru dawn ix-xogħlijiet:

- Saret talba lill-Onor Chris Said biex il-Kumitat jinghata aktar finanzi sabiex ikun jista jsir traffic management fi Triq Santa Marija u zebra crossings fi Vjal l-Indipendenza.
- Saru refresh ta' sinjali tat-traffiku.
- Saret attivita' ta' tindif madwar ic-cimiterju bl-ghajnuna tal-iscouts.
- Tpoggew zewg bring in sites wahda fi Triq Kalang Bugeja u Triq in-Nigret.
- Saru l-manutenzjonijiet mehtiega fuq bozoz maqtugha, patching u bankini.
- Saru zewg qsari fuq iz-zuntier tal-Kappella.
- Membri mill-Kumitat daru il-hwienet taz-Zurrieq biex jigbru fondi ghall-Community Chest Fund.
- Il-Kumitat Amministrattiv talab ghal devoluzzjonijiet tax-shelter f'Misrah Santa Marija u tal-Imtghali biex il-kumitat ikun jista japplika ghall-fondi mill-EU.
- Fil-Milied reggha intrama' l-presepju fil-pjazza.
- Fil-Kunsill News, il-Kumitat qed ihallas il-parti tieghu biex iwassal il-kelma lir-residenti ta' Bubaqra.

## 3.5 Konklużjoni

Il-Kunsill Lokali Żurrieq, permezz tal-ħidma mwettqa matul din il-leġislatura, ser ikun qed iħalli mpatt qawwi fuq il-lokalita u r-residenti. F'din is-sena l-popolazzjoni reġgħet żdiedet minn 12,500 għall 15,805 ruħ.

In-nefqa pubblika tal-Kunsill trid tkompli tissoda u twassal biex ikun hemm aktar relazzjoni mal-bżonnijiet tal-lokalita' u li tħalli nvestiment rejali u tanġibbli. L-indafa u l-manutenzjoni tat-toroq għandhom jibqgħu fuq quddiem tal-ħidma tal-Kunsill.

Għal-din is-sena il-Kunsill Lokali mpjega mpjegata oħra biex tgħin lill-impjegati eżistenti fir-relazzjonijiet mal-klijenti u f'xogħol ieħor fejn tinħass il-ħtieġa, u sabiex jinfetaħ l-uffiċċju Amministrattiv kull nhar ta' Sibt kif titlob il-liġi.

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**
Diċembru, 2011

## Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2009(12mts) (Euro) | ACTUAL 2009(9mts) (Euro) | BUDGET 2010 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 606,327.00 | 453,063.76 | 698,596.00 | 92,269.00 | 245,532.24 |
| 0020 | Bye-laws | 60,000.00 | 56,027.04 | 87,500.00 | 27,500.00 | 31,472.96 |
| 0090 | Investment | 8,000.00 | 1,565.74 | 8,000.00 | 0.00 | 6,434.26 |
| 0100 | General | 1,000.00 | | 1,000.00 | 0.00 | 1,000.00 |
| | TOTAL | **675,327.00** | **510,656.54** | **795,096.00** | **119,769.00** | **284,439.46** |
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 90,402.00 | 49,887.94 | 104,146.00 | 13,744.00 | 54,258.06 |
| 2000 | Operations and maintenance | 447,325.00 | 407,413.83 | 439,000.00 | (8,325.00) | 31,586.17 |
| 7000 | Capital Expenditure | 137,600.00 | 20,818.00 | 251,950.00 | 114,350.00 | 231,132.00 |
| | TOTAL | **675,327.00** | **478,119.77** | **795,096.00** | **316,976.23** | **316,976.23** |
| | **Balance** | **0.00** | **32,536.77** | **0.00** | **0.00** | **(32,536.77)** |

| ACCNT | DESCRIPTION | QTR 1 JAN-MAR Euro | QTR 2 APR-JUN Euro | QTR 3 JUL-SEP Euro | QTR 4 OCT-DEC Euro | TOTAL Euro |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 163,602.00 | 163,602.00 | 163,602.00 | 163,602.00 | 654,408.00 |
| 0002 | Supplementary | | | | | |
| 0003 | Special needs | 2,566.00 | 2,566.00 | 2,566.00 | 2,566.00 | 10,264.00 |
| 0004 | Public/government entities | | | | | |
| 0015 | Other | | | | | |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community services | 7,290.50 | 7,290.50 | 7,290.50 | 7,290.50 | 29,162.00 |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 15,901.75 | 15,901.75 | 15,901.75 | 15,901.75 | 63,607.00 |
| 0056 | Contributions and donations | | | | | |
| 0066 | General services | 2,035.75 | 2,035.75 | 2,035.75 | 2,035.75 | 8,143.00 |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 1,254.50 | 1,254.50 | 1,254.50 | 1,254.50 | 5,018.00 |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| 0100 | General | | | | | |
| 0110 | Donations | | | | | |
| 0120 | Contributions | 3,254.50 | 3,254.50 | 3,254.50 | 3,254.50 | 13,018.00 |
| | **TOTAL** | **195,905.00** | **195,905.00** | **195,905.00** | **195,905.00** | **783,620.00** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 1,909.25 | 1,909.25 | 1,909.25 | 1,909.25 | 7,637.00 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 17,517.00 | 17,517.00 | 17,517.00 | 17,517.00 | 70,068.00 |
| 1300 | Bonuses | 1,331.00 | 1,331.00 | 1,331.00 | 1,331.00 | 5,324.00 |
| 1400 | Income supplements | | | | | |
| 1500 | Social Security contributions | 1,504.25 | 1,504.25 | 1,504.25 | 1,504.25 | 6,017.00 |
| 1600 | Allowances | 2,400.25 | 2,400.25 | 2,400.25 | 2,400.25 | 9,601.00 |
| 1700 | Overtime | 396.25 | 396.25 | 396.25 | 396.25 | 1,585.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 2,834.25 | 2,834.25 | 2,834.25 | 2,834.25 | 11.,337.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 886.50 | 886.50 | 886.50 | 886.50 | 3,546.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 31.258.00 | 31.258.00 | 31.258.00 | 31.258.00 | 125,032.00 |
| 2400 | Rent | 1,554.75 | 1,554.75 | 1,554.75 | 1,554.75 | 6,219.00 |
| 2500 | International memberships | 136.25 | 136.25 | 136.25 | 136.25 | 545.00 |
| 2600 | Office Services | 1,174.75 | 1,174.75 | 1,174.75 | 1,174.75 | 4,699.00 |
| 2700 | Transport | 358.25 | 358.25 | 358.25 | 358.25 | 1,433.00 |
| 2800 | Travel | 142.75 | 142.75 | 142.75 | 142.75 | 571.00 |
| 2900 | Information services | 1,792.50 | 1,792.50 | 1,792.50 | 1,792.50 | 7,170.00 |
| 3000 | Contractual services | 68,120.50 | 68,120.50 | 68,120.50 | 68,120.50 | 272,482.00 |
| 3100 | Professional services | 8,288.00 | 8,288.00 | 8,288.00 | 8,288.00 | 33,152.00 |
| 3200 | Training | 31.00 | 31.00 | 31.00 | 31.00 | 124.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 7,327.00 | 7,327.00 | 7,327.00 | 7,327.00 | 29,308.00 |
| 3400 | Incidental expenses | | | | | |
| 3600 | LES Enforcement | 4,223.25 | 4,223.25 | 4,223.25 | 4,223.25 | 16,893.00 |
| 8000 | Depreciation | | | | | |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | | |
| 7200 | Improvements to property | 8,381.25 | 8,381.25 | 8,381.25 | 8,381.25 | 33,525.00 |
| 7300 | Equipment | 593.50 | 593.50 | 593.50 | 593.50 | 2,374.00 |
| 7500 | Special programmes | 1,024.50 | 1,024.50 | 1,024.50 | 1,024.50 | 4,098.00 |
| | **TOTAL** | **163,185.00** | **163,185.00** | **163,185.00** | **163,185.00** | **652,740.00** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** |

## 5.1 Kontijiet tas-Savings

### 5.1.1 Kont tas-Savings – HSBC – 784057692050

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **154,182.41** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **154,182.41** |

### 5.1.2 Kont tas-Savings – BOV – 17905262020

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **4,346.34** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **4,346.34** |

### 5.1.3 Kont tas-Savings – APS – 12418510017

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **9.82** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **9.82** |

## 5.2 Kontijiet Kurrenti

### 5.2.1 Kont Kurrenti – HSBC – 78057692001

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **(35,990.88)** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **(35,990.88)** |

*Josianne Cilia Mumford*
*Segretarju Eżekuttiv*

### *5.2.2 Kont Kurrenti – BOV – 17905262017*

| | |
|---|---|
| ***Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank*** | ***35,989.10*** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| ***Bilanċ Nett tal-Bank*** | ***35,989.10*** |

### *5.2.3 Kont Kurrenti – HSBC – 78057692401*

| | |
|---|---|
| ***Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank*** | ***190.15*** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| ***Bilanċ Nett tal-Bank*** | ***190.15*** |

## *5.3 Kontijiet Fissi*

### *5.3.1 Kont Fiss – BOV – 40018197570*

| | |
|---|---|
| ***Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank*** | ***203,000*** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| ***Bilanċ Nett tal-Bank*** | ***203,000*** |

### *5.3.2 Kont Fiss – BOV – 40018197567*

| | |
|---|---|
| ***Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank*** | ***100,000*** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| ***Bilanċ Nett tal-Bank*** | ***100,000*** |

*Josianne Cilia Mumford*
*Segretarju Eżekuttiv*

## *5.4 Kontijiet Kurrenti Reserved*

### *5.4.1 Kont Kurrenti Reserved – BOV – 40011321000*

| | |
|---|---|
| ***Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank*** | ***10,477.23*** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| ***Bilanċ Nett tal-Bank*** | ***10,477.23*** |

### *5.4.2 Kont Kurrenti Reserved – BOV – 40014856831*

| | |
|---|---|
| ***Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank*** | ***4,269.25*** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| ***Bilanċ Nett tal-Bank*** | ***34,269.25*** |
| | |

### *5.4.23kont Kurrenti Kumitat Amministrattiv Bubaqra – BOV – 78057692002*

| | |
|---|---|
| ***Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank*** | ***10,000*** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| ***Bilanċ Nett tal-Bank*** | ***10,000*** |
| | |

### *Petty Cash Account*

| | |
|---|---|
| ***Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni*** | ***66.15*** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2010 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni* | |
| ***Bilanċ Nett*** | ***66.15*** |

### *Fondi migbura izda mhux depozitati sal-31/12/2010*

| | |
|---|---|
| ***Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni ta cekkijiet mhux depozitati*** | ***294*** |
| | |

*Josianne Cilia Mumford*
*Segretarju Eżekuttiv*

## *6.1 Rapport tal-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji*

*Fil-paġni segwenti jinstabu r-rapport ta' l-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji.*